

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tas-17 ta' Frar 2017****li għedded il-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali**

(2017/C 60/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-persuna nnominata ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni rigward ir-Rappreżentanti ta' Min Iħaddem,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-14 ta' Lulju 2015 <sup>(2)</sup> u tal-14 ta' Settembru 2015 <sup>(3)</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2015 sas-17 ta' Settembru 2018.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Satu AGREN, sar vakanti siġġu ta' membru fuq il-Bord Governattiv taċ-Ċentru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Organizzazzjonijiet ta' Min Iħaddem għall-Finlandja.
- (3) Jinħtieġ li l-membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru msemmi hawn fuq jinħatru għall-bqija tal-mandat attwali, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġeġja hija b'dan maħtura membru tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-bqija tal-mandat, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018:

RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM:

IL-FINLANDJA	Is-Sinjura Mirja HANNULA
--------------	--------------------------

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

E. BARTOLO

<sup>(1)</sup> ĠUL 39, 13.2.1975, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 232, 16.7.2015, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU C 305, 16.9.2015, p. 2.